PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/0102(CNS)

30.6.2008

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 549/69 li jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej lil liema d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12, it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13 u l-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet japplikaw
(COM(2008)0305 – C6-0214/2008 – 2008/0102(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA .....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 549/69 li jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej lil liema d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12, it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13 u l-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet japplikaw
(COM(2008)0305 – C6-0214/2008 – 2008/0102(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0305),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 291 tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 16 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0214/2008),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0000/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 549/69 li jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet għandu l-għan li jiżgura li l-immunità mill-proċedimenti legali stipulata fl-Artikolu 12(a) ta' dak il-Protokoll ma tapplikax għall-istaff ta' l-Europol li jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' tim investigattiv konġunt, fir-rigward ta' atti uffiċjali li dawn mitluba li jagħmlu biex jissodisfaw il-kompiti operattivi fdati lilhom.

Fil-laqgħa tar-Rappreżentanti Permanenti li saret fid-9 t'April 2008, intlaħaq ftehim wiesgħa u definittiv dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol). Dan l-istrument legali ġdid se jippermetti lill-Aġenzija Ewropea ġdida biex taġġusta l-kamp ta' applikazzjoni ta' l-attivitajiet tagħha b'ħeffa akbar sabiex issir adattata għaċ-ċirkustanzi li qed jinbidlu fl-UE, speċjalment rigward forom ġodda ta' kriminalità u theddidiet ġodda ta' terroriżmu.

Skond il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill, l-Europol għandha tkun ikkonvertita f'Aġenzija ta' l-UE, bidla li se tfisser, fost affarijiet oħra, li r-Regolamenti ta' l-Istaff applikabbli għall-Uffiċjali ta' l-UE se japplikaw għall-istaff ta' l-Europol, kif se japplikaw ukoll l-istess privileġġi u immunitajiet.

L-Artikolu 6 tal-proposta jistipula wkoll li l-istaff ta' l-Europol jista' jipparteċipa f'kapaċità ta' appoġġ f'timijiet investigattivi konġunti, sakemm dawk it-timijiet ikunu qed jinvestigaw reati li għalihom l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija huwa kompetenti.

Il-Protokoll tat-28 ta' Novembru 2002 li jemenda l-Konvenzjoni Europol, u l-l-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' l-Europol, għamlu dispożizzjoni għall-possibilità li membri ta' l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija jipparteċipaw f'kapaċità ta' appoġġ f'timijiet investigattivi konġunti. Dak il-protokoll li jemenda jistipula wkoll li l-immunità tal-membri ta' l-istaff ta' l-Europol rigward kliem li nkiteb jew li ngħad, u /jew atti mwettqa minnhom fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet uffiċjali tagħhom, ma testendix għall-attivitajiet tagħhom bħala parteċipanti fit-timijiet investigattivi konġunti.

L-għan ta' din il-proposta għal regolament huwa għalhekk sempliċiment li jintroduċi aspett li diġà kien kopert fil-leġiżlazzjoni preċedenti dwar l-Europol, u li issa għandu jinżamm.